PARLAMENT EWROPEW

2004 *2009*

Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

2008/0062(COD)

9.7.2008

ABBOZZ TA' OPINJONI

tal-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern

għall-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu

Proposta għal Direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li tiffaċilita l-infurzar transkonfinali fil-qasam tas-sikurezza fit-toroq
(COM(2008)0151 – C6-0149/2008 – 2008/0062(COD))

Rapporteur għal opinjoni: Renate Weber

PA_Legam

ĠUSTIFIKAZZJONI QASIRA

Ir-regoli fil-proposta għandhom l-għan li jiffaċilitaw l-infurzar tas-sanzjonijiet provduti mill-ksur tar-regoli tat-traffiku (irrispettivament minn jekk humiex reati ta' natura kriminali jew amministrattiva) meta l-awtur ma jkunx jista' jiġi identifikat immedjatament, pereżempju minħabba li s-sejba tar-reat kienet permezz ta' mezzi elettroniċi, jew meta għalkemm l-awtur ikun jista' jiġi identifikat immedjatament, ikun jeħtieġ li ssir aktar investigazzjoni, skond il-proposta, fil-każ ta' sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol.

L-għan ta' din il-proposta huwa kemxejn limitat u jkopri biss erba' kontravenzjonijiet tat-traffiku, jiġifieri: eċċess ta' veloċità, sewqan taħt l-influwenza tax-xorb, in-nuqqas ta' użu taċ-ċinturin tas-sikurezza, in-nuqqas ta' waqfien mad-dawl l-aħmar tat-traffiku.

Il-proposta tqajjem xi tħassib mill-lat tal-ħarsien tad-drittijiet fundamentali.

F'dak li għandu x'jaqsam mas-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol, għandu jkun innutat li skond l-Artikolu 2 (f) is-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol ifisser "sewqan b'livell ta' alkoħol fid-demm ogħola mil-livell massimu fis-seħħ fl-Istat fejn isir ir-reat". Dan ifisser li, irrispettivament mill-fatt li hemm modi anqas invadenti li jidentifikaw is-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol, bħall-**apparat li jkejjel il-livell ta' l-alkoħol** (**breathalyzer),** il-proposta ma tqisx l-alternattiva li s-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol jista' jiġi identifikat b'mod li ma jimplikax it-teħid ta' kampjun tad-demm mill-persuna suspettata. Dan jista' jaffettwa ħafna d-drittijiet fundamentali peress li l-ebda dispożizzjoni fid-Direttiva tiddikjara b'mod ċar li ħadd ma jista' jiġi obbligat li jagħti kampjun tad-demm għal dan il-għan u li s-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol għandu dejjem jiġi identifikat l-ewwel permezz ta' **apparat li jkejjel il-livell ta' l-alkoħol** (**breathalyzer).**

F'dak li jirrigwarda l-garanziji proċedurali, l-opinjoni tal-Kumitat LIBE hija li d-Direttiva għandha tagħmel dispożizzjoni bil-għan li r-reat ikun identifikat permezz ta' apparat awtomatizzat jew permezz ta' l-awtoritajiet kompetenti għall-infurzar tal-liġi fil-mument meta jitwettaq u l-proċedura ta' notifika tkun konformi ma' l-istat tad-dritt u notevolment mal-prinċipju li persuna ma tinkriminax lilha nnifisha.

Fl-aħħarnett, il-Kumitat LIBE jaqbel ma' l-opinjoni mogħtija mill-EDPS, li tiddikjara li l-proposta hija konformi mar-rekwiżiti tal-protezzjoni tad-data.

EMENDI

Il-Kumitat għal-Libertajiet Ċivili, il-Ġustizzja u l-Intern jistieden lill-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu, bħala l-kumitat responsabbli, sabiex jinkorpora l-emendi li ġejjin fir-rapport tiegħu:

Emenda 1

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1- paragrafu 1 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(1a) Ir-reat tas-sewqan taħt l-influwenza ta' l-alkoħol jista' jiġi identifikat l-ewwel permezz ta' apparat li jkejjel il-livell ta' l-alkoħol (breathalyzer). ***Jistgħu jittieħdu kampjuni tad-demm biss bil-kunsens tal-persuna suspettata.*** ***Ma jistax ikun hemm konsegwenzi legali minħabba li l-persuna suspetta tirrifjuta li tagħti kampjun tad-demm.***

Or. en

Ġustifikazzjoni

It-teħid ta' kampjuni tad-demm jista' jaffettwa ħafna d-drittijiet fundamentali jekk isir mingħajr il-kunsens tal-persuna suspettata. Għalhekk għandha tingħata prijorità lil mezzi inqas invadenti ta' identifikazzjoni bħall-apparat li jkejjel il-livell ta' l-alkoħol breathalyzer. Għalhekk jeħtieġ li jkun hemm dispożizzjoni ċara li l-ebda persuna ma tista' tkun imġiegħela tagħti kampjun tad-demm, billi jinżamm preżenti l-ambitu tad-Direttiva (ksur tar-regoli tat-traffiku u mhux reati serji).

Emenda 2

Proposta ghal direttiva
Artikolu 1 - paragrafu 2 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(2a) Din id-Direttiva għandha tapplika biss għall-ksur tar-regoli tat-traffiku identifikati permezz ta' apparat awtomatizzat jew, fil-każ li jintużaw mezzi mhux awtomatizzati, permezz ta' l-awtoritajiet ta' l-infurzar fil-mument li jitwettaq ir-reat.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Għandhom dejjem ikunu żgurati ċ-ċertezza u n-nuqqas ta' abbuż fl-identifikar tar-reati. Minn dan il-lat, għandu jkun hemm dispożizzjoni fis-sens li l-ksur tar-regoli tat-traffiku li jaqa' fl-ambitu ta' din id-Direttiva jkun identifikat jew direttament mill-awtoritajiet ta' l-infurzar jew permezz ta' apparat awtomatizzat.

Emenda 3

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 2

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha titħallas mid-detentur, il-possibbiltajiet biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat u jagħmel appell kontra deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.	2. In-notifika ta' reat għandu jkun fiha ***l-isem ta' l-awtorità responsabbli għall-infurzar tas-sanzjonijiet u l-iskop tan-notifika,*** deskrizzjoni tad-dettalji relevanti tar-reat ikkonċernat, l-ammont tal-penali finanzjarja li għandha titħallas mid-detentur, il-possibbiltajiet biex id-detentur jikkontesta r-raġunijiet għan-notifika ta' reat, ***dikjarazzjoni tal-privileġġ tiegħu/tagħha li ma jinkriminax/tinkriminax lilu/lilha nnifsu/ha*** u ***tad-dritt ta'*** appell kontra deċiżjoni li timponi penali finanzjarja, u l-proċedura li għandha tiġi segwita fil-każ ta' kontestazzjoni jew appell.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Jidher li huwa relevanti għal min jirċievi n-notifika li jkun infurmat b'mod ċar dwar ir-reat, l-awtorità li identifikatu u l-għan tan-notifika. Il-prinċipju ta' nemo tenetur se detegere huwa wieħed mill-valuri fundamentali ta' l-istat tad-dritt. Għandu jkun rispettat f'kull proċeduri kriminali jew amministrattivi, kif ukoll f'dan il-każ.

Emenda 4

Proposta ghal direttiva
Artikolu 5 - paragrafu 4 a (ġdid)

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
	(4a) Il-privileġġ li persuna ma tinkriminax lilha nnifisha għandu jingħata f'kull każ. Min għandu dan il-privileġġ ma jistax jitqies responsabbli jekk ma kienx qed isuq u ma jistax jagħraf l-identità tas-sewwieq.

Or. en

Ġustifikazzjoni

Il-prinċipju ta' nemo tenetur se detegere huwa wieħed mill-valuri fundamentali ta' l-istat tad-dritt. Għandu jkun rispettat f'kull proċeduri kriminali jew amministrattivi, kif ukoll f'dan il-każ.

Emenda 5

Proposta ghal direttiva
Anness - il-forma tan-notifika tar-reat - paġna 4

Test propost mill-Kummissjoni	*Emenda*
Formola ta' tweġiba	Formola ta' tweġiba
(jekk jogħġbok imla l-formola b'ittri kapitali u immarka l-għażla applikabbli)	(jekk jogħġbok imla l-formola b'ittri kapitali u immarka l-għażla applikabbli)
Identità tas-sewwieq:	A. Identità tas-sewwieq: ***Kont is-sewwieq tal-vettura meta twettaq ir-reat (iva/le)*** ***Jekk iva, jekk jogħġbok imla l-formula li ġejja:***
- Kunjom u isem: - Il-post u d-data tat-twelid: - Numru tal-liċenzja tas-sewqan: ....innotifikat (data):...u f'(post): - Indirizz:	- Kunjom u isem: - Il-post u d-data tat-twelid: - Numru tal-liċenzja tas-sewqan: ....innotifikat (data):...u f'(post): - Indirizz: ***Jekk ma kontx qed issuq il-vettura meta twettaq ir-reat, tista' tidentifika l-identità tas-sewwieq (iva/le)***

	Jekk iva, jekk jogħġbok imla l-formula li ġejja: ***- Kunjom u isem:*** ***- Il-post u d-data tat-twelid:*** ***- Numru tal-liċenzja tas-sewqan:*** ***....innotifikat*** ***(data):...u f'(post):*** ***- Indirizz:***
B. Lista ta' mistoqsijiet: (1) Il-vettura, għamla... numru ta' reġistrazzjoni...hija rreġistrata f'ismek? iva/le Jekk le, sid(t) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni huwa/hija: (kunjom, isem, indirizz) (2) Tammetti li *kkommettejt* ir-reat? iva/le	B. Lista ta' mistoqsijiet: (1) Il-vettura, għamla... numru ta' reġistrazzjoni...hija rreġistrata f'ismek? iva/le Jekk le, sid(t) iċ-ċertifikat tar-reġistrazzjoni huwa/hija: (kunjom, isem, indirizz) (2) Tammetti li *wettaqt* ir-reat? iva/le
(3) Jekk dan ma tammettihx, jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek:	(3) Jekk dan ma tammettihx, ***jew jekk tirrifjuta li tikxef l-identità tas-sewwiea,*** jekk jogħġbok agħti r-raġunijiet tiegħek:
Jekk jogħġbok, ibgħat il-formola mimlija sa 60 jum mid-data ta' din in-notifika lill-awtorità li ġejja:	Jekk jogħġbok, ibgħat il-formola mimlija sa 60 jum mid-data ta' din in-notifika lill-awtorità li ġejja:
fl-indirizz li ġej	fl-indirizz li ġej

Or. en

Ġustifikazzjoni

L-emendi proposti f'dan it-test għandhom jiġu riflessi fil-forma.